**18 ta' Jannar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Lorraine Pirotta *noe*

*versus*

Frederick Zammit Gera *et noe*

## Eċċezzjoni ta' Preskrizzjoni a Tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili

*Dak li huwa kompatibbli ma' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bħal dik imsemmija fl-artikolu 2148(b) huwa li jiġi dikjarat mill-eċċipjenti li "... mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa" kif jippreskrivi l-artikolu 2160(1) Kapitolu 16.*

Il-Qorti:-

Is-soċjeta' attriċi talbet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ biex tikkundanna lill-kumpannija konvenuta tħallasha s-somma bilanċjali ta' sitt mija u ħamsa u ħamsin lira (Lm655) prezz ta' *computer*;

Il-konvenuti, fil-kwalita' li fiha ġew imħarrka, eċċepew illi ċ-ċitazzjoni hija nulla għaliex saret kontra soċjeta' ineżistenti u rriservaw li jagħtu eċċezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-każ;

L-ewwel eċċezzjoni ġiet superata meta l-Qorti kkonċediet il-korrezzjoni neċessarja sabiex l-isem inizjali mniżżel fiċ-ċitazzjoni - "*Colour Film Processing and Laboratories Limited*" inbidel u sar "*Colour Film Processing Laboratory Ltd.*";

Fil-11 ta' Jannar, 1993 l-imsemmija Onorabbli Qorti ppronunzjat is-sentenza fil-kawża u *inter alia* qalet:

"F'din iċ-ċitazzjoni, l-attriċi *nomine* qiegħda titlob is-somma ta' Lm655.00 in konnessjoni ma' bejgħ "ta' oġġetti konnessi man-negozju tal-*computers*". Hemm riferenza għall-ittra uffiċjali iżda l-prova relattiva ma ġietx prodotta. Fl-att taċ-ċitazzjoni ma hemm ebda tismija ta' dati dwar meta sar il-bejgħ premess. Meta xehdet l-attriċi lanqas ma hemm tagħrif dwar dati - bilkemm hemm tagħrif sufficjenti dwar l-oġġett li tiegħu qed jintalab il-ħlas. L-attriċi xehdet (ara fol. 16 tal-proċess - xhieda datata 18 ta' Frar, 1991):

"Proprjament jiena qed nitlobhom ħlas tat-tieni *computer* li qiegħed għandhom u qed jużawh. L-ieħor kont irtirajtu u qiegħed fil-*warehouse* tiegħi. Pero' fuq dan il-*computer* li qed nitlob ħlas tiegħu qiegħed fis-servizz tal-konvenuti u jien irrid min għandhom li jħallsu";

L-attriċi ma ressqet ebda provi oħrajn. Ma pproduċiet ebda kont spjegattiv dwar kif inhuwa dovut il-bilanċ mitlub. Għalkemm tissemma l-ispedizzjoni ta' ittra uffiċjali, da parti li m'hemmx prova tagħha, ma hemm xejn dwarha fit-talba;

Il-konvenut *nomine* eċċepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni tat-18-il xahar a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili wara li eċċepixxa wkoll li ma kien xtara xejn mingħand l-attriċi *nomine*. Fid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa man-nota ta' l-eċċezzjonijiet, il-konvenut *nomine* ħalef li huwa ma kien xtara xejn mingħand is-soċjeta` attriċi. Ma ressaqx provi ulterjuri;

Meta l-provi huma daqstant skarsi fuq iż-żewġ naħat, il-Qorti sabet ruħha f'diffikulta` notevoli biex tasal għall-konklużjoni. Huwa minnu li stenniet aktar impenn mill-konvenut *nomine* in sostenn ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni pero' una volta li din ġiet

konfermata bil-ġurament, allura l-attriċi *nomine* kien messha ddimostrat li din jew ma hijiex fondata jew inkella b'xi mod ġiet interrotta jew sospiża. Ix-xhud Charles Muscat igħid li mar ikellem lil ċertu Sur Bonello pero` mill-bqija ma elabora xejn aktar;

*Rebus sic stantibus*, il-Qorti ma hijiex sodisfatta li t-talba ġiet ippruvata. *Del resto* lanqas hemm eżattament qbil bejn dak li ġie premess fl-att taċ-ċitazzjoni - "oġġetti konnessi ma' *computer*" - ma' dak li xehed rappreżentant tas-soċjeta` - ħlas bilanċjali għall-bejgħ ta' *computer*. F'kull każ ukoll jidher li tosta wkoll il-preskrizzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi għar-raġunijiet fuq premessi, u filwaqt ukoll li tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut *nomine*, tirrespinġi t-talba attriċi bħala mhix pruvata u f'kull każ preskritta bl-ispejjeż ġudizzjarji wkoll kontra l-attriċi *nomine*";

Il-kumpannija attriċi appellat u esprimiet illi (a) il-kawża ġiet differita darbtejn biex issir il-prova tal-preskrizzjoni li pero` ma saret qatt u b'dan kollu is-sentenza akkoljiet il-preskrizzjoni; (b) illi hija għamlet provi biżżejjed biex jiġġustifikaw it-talba attriċi, liema provi ma ġewx effettivament kontrastati;

Il-Qorti tikkonfessa illi sabitha diffiċli biex issib l-elementi minimi ta' fatti pruvati biex tiġġustifika dak li ġie ritenut fis-sentenza;

Fl-ewwel lok l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Fl-udjenza tat-<u>18 ta' Frar, 1991</u> xehed Charles Muscat, għall-kumpannija attriċi, u

ġie reġistrat illi:

"Il-kawża ġiet differita għal 25 ta' Marzu, 1991 għall-provi tal-konvenuti u fin-nuqqas tibqa' għas-sentenza";

Liema verbal jindika li, almenu f'dak l-istadju l-Onorabbli Qorti kienet sodisfatta li setgħet tgħaddi biex tippronunzja s-sentenza fuq il-provi akkwiżiti;

Fit-<u>**18 ta' Ġunju, 1991**</u> wara li l-Qorti kienet ikkonċediet il-korrezzjoni msemmija, is-soċjeta' konvenuta ippreżentat nota ta' eċċezzjonijiet f'dawn it-termini:

"Illi l-konvenuti ma xtraw xejn mingħand l-attur *nomine* u fi kwalunkwe każ l-azzjoni hija preskritta b'għeluq ta' 18-il xahar a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk, it-talba attriċi *nomine* għandha tiġi respinta bl-ispejjeż";

Issa huwa ċar illi kull eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tippreżumi data minn mindu bdiet tirrikorri:

".... il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata mingħajr ma jittieħed qies ta' l-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss";

Kif igħid l-artikolu 2137 Kapitolu 16, is-soċjeta' attriċi ma stabbilitx data li minnha twieldet il-pretensjoni tagħha u l-kumpannija konvenuta, fl-istess eċċezzjoni, fl-ewwel lok tgħid illi hija ma xtrat xejn mingħand is-soċjeta' attriċi. Issa dak li huwa kompatibbli ma' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bħal dik imsemmija fl-artikolu 2148(b) huwa li jiġi dikjarata mill-eċċipjenti li:

".... m'humiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa"

kif jippreskrivi l-artikolu 2160(1) Kapitolu 16. Mentri hawn, qed jingħad illi **xejn ma nxtara** li hija proposizzjoni differenti mit-tnejn li jsemmi l-artikolu 2160(1) kwotat. Difatti, ukoll mhux possibbli li jiġi stabbilit il-bidu ta' terminu preskrittiv ta' tmintax-il xahar;

L-ewwel Onorabbli Qorti ħasset il-ħtieġa difatti li jkollha l-provi fuq il-preskrizzjoni, tant illi fid-29 ta' Ottubru, 1991 ġie reġistrat illi:

"Il-kawża ġiet differita għall-25 ta' Novembru, 1991 għall-provi u trattazzjoni ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni";

u fil-15 ta' Ottubru, 1992 il-Qorti:

"Tordna lill-konvenut biex għas-seduta li jmiss iġġib il-provi tiegħu dwar l-eċċezzjoni ulterjuri, u fin-nuqqas tgħaddi għas-sentenza;

Din l-ordni ma ġietx obduta u l-Qorti għaddiet biex tippronunzja s-sentenza appellata;

Minn dan kollu l-konklużjonijiet raġonevoli possibbli huma tnejn:

(i) Illi ġaladarba l-Qorti, kif jobbligaha l-artikolu 559 Kapitolu 12:

"…. għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib"

ma tistax mbagħad, mhux biss mingħajr l-aħjar prova imma mingħajr prova ta' xejn, taċċetta l-allegazzjoni kif sar fis-sentenza appellata, u

(ii) ġaladarba wara li xehed Charles Muscat, l-ewwel Onorabbli Qorti kienet lesta li tgħaddi għas-sentenza fuq il-provi prodotti sa dak l-istadju, allura ma huwiex ġuridikament validu li, mingħajr ebda bidla fis-sitwazzjoni proċedurali, jiġi konkjuż illi:

"…. t-talba attriċi bħala mhux pprovata u f'kull każ preskritta ….";

Kif qalet sewwa s-sentenza appellata, il-provi fuq iż-żewġ naħat huma tant skarsi illi sabet diffikulta notevoli biex tasal għall-konklużjoni. Meta din tkun il-posizzjoni proċedurali, u m'hemmx dubbju li hekk hija fil-każ preżenti, allura r-riżoluzzjoni proċedurali ġusta tinstab prinċipalment, jekk mhux unikament fl-imsemmi artikolu 559 Kapitolu 12;

Hawnhekk __l-unika__ prova ta' xi konsistenza hija x-xhieda ta' Charles Muscat għas-soċjeta` attriċi. F'din ix-xhieda pero` jonqos prospett tal-venditi taż-żewġ *computers* li l-attriċi biegħet lill-konvenut. Iżda, wara dik ix-xhieda kif intqal, il-Qorti kienet sodisfatta bil-prova u kienet lesta li tgħaddi għas-sentenza jekk il-konvenuta ma ġġibx provi kuntrarji;

Il-konvenuta da parti tagħha għażlet metodu lakoniku ta' difiża - fejn l-ewwel opponiet in-nullita` fuq designazzjoni żbaljata (fin-

naqra) ta' isimha u mbagħad il-preskrizzjoni li pero' baqgħet fl-ajru għaliex il-konvenuta naqset **f'medda ta' sena**, li tirrispondi għall-ordni tal-Qorti biex tipproduċi l-provi - proprju b'applikazzjoni ta' l-artikolu 559 Kapitolu 12 imsemmi;

Għaldaqstant dan l-appell qed jiġi fuq dik il-bażi u b'dik l-applikazzjoni riżolt billi qiegħda tiġi revokata s-sentenza appellata u billi l-appell qed jiġi milqugħ, il-kumpannija konvenuta qed tiġi kkundannata tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma bilanċjali ta' sitt mija u ħamsa u ħamsin lira (Lm655) mill-prezzijiet ta' *computers* mibjugħa;

Għar-raġunijiet imsemmija, minħabba n-nuqqasijiet proċedurali ta' l-istess attriċi din ma ħaqqhiex li tirkupra ebda parti mill-ispejjeż li nkorriet u għalhekk l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.